MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2007

Rikors Numru. 1738/2006/1

**Joseph Vella, Maria Anna Vella u Maria Sciberras**

**vs**

**Gino Zammit**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li fih ippremettew illi:

Ricentement, gie ntavolat il-Mandat ta` Sekwestru kawtelatorju kontra l-esponenti, b`referenza ghal debitu li l-esponenti kellhom favor l-intimat Gino Zammit;

L-esponenti ghalkemm kienu debituri fil-konfront ta` l-esponenti, illum ma ghandhomx l-ebda pendenza fil-konfront ta` Gino Zammit, u dan stante li fit-2 ta` Ottubru,

2006, l-esponenti hallsu kwalsiasi debitu li huma kellhom favor l-intimat Gino Zammit.

Is-suespost fatt huwa kkonfermat minn skrittura hawn annessa u mmarkata bhala Dokumetn ‘A’;

Ghalhemm illum il-gurnata ma jezisti l-ebda debitu da parti ta` l-esponenti fil-konfront ta` Gino Zammit, u ghalhekk ma jidhirx li hemm skop li l-Mandat ta` Sekwestru enumerate 1738/06 jibqa` in vigore fil-konfront ta` l-esponenti;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghobha tordna lir-rikorrenti Joseph Vella, Maria Anna Vella u Maria Sciberras, jintavolaw il-kontro mandate opportune b`referenza ghal mandate citat, jew alternattivament tistabilixxi li l-mandat citat ma ghandu l-ebda validita` fil-konfront ta` l-esponenti u s-sekwestratarji elenkati fl-istess mandate, u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u l-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta li fiha eccepew illi:

Primarjament ghandu jigi rilevat illi l-esponenti ghadhom mhux ufficjalment notifikati bir-rikors promoter u gew ghal konoxxenza tal-ezistenza ta` tali rikors stante li gew notifikati bl-avviz tas-smiegh tal-istess;

Nonostante huma qed jaghzlu li jipprezentaw r-risposta odjerna sabiex jevitaw li proceduri bhal dawn, li huma infondati fid-dritt kif ser jigi spjegat aktar ‘l isfel, jitwalu inutilment;

Primarjament ghandu jigi rilevat illi mir-rikors promotur ma jirrizultax b`mod car taht liema artikolu tal-ligi qed issir t-talba hemm esposta;

Wiehed izda jista` jasal ghal konkluzjoni illi tali talba qed issir ai termini tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta;

Dana jinghad stante li qieghed jintalab illi l-esponenti jigu ordnati jintavolaw l-kontro mandat ghall-Mandat ta` Sekwestru mertu tar-rikors promutur;

Fil-ligijiet tal-procedura civili tezisti procedura wahda biss li permezz taghha jintalab lill-Onorabbli Qorti tordna l-hrug ta` Kontro Mandat ghal Mandat Kawtelatorju u cioe` dik regolata mill-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, liema artikolu ghandu t-titolu *"Kontro Mandat"*;

Inoltre l-konjugi Caruana naqsu milli jindikaw that liema mill-paragrafi (a) sa (f) tal-artikolu 836 (1) huma qed iressqu t-talba taghhom;

F`dana l-kuntest huma ta` rilevanza dak stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Joseph u Helen Camilleri vs Anthony u Helen Gove**, deciza fl-10 ta` Mejju, 2001, fejn intqal hekk:

*"Illi jinghad mill-ewwel li ghalkemm l-istess rikors jidher li huwa bbazat fuq id-disposizzjonijiet tal-artikolu 836 (1) li jipprovdi li:-*
*"Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista` jaghmel rikors lill-Qorti lit kun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret il-kawza, jista` jaghmel rikors lill-Qorti lit kun qeghda titratta l-kawza, li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghall-kollox jew parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet".*

*Illi l-istess rikorrenti naqsu li jindikaw taht liema paragrafu minn (a) sa (f) qed jibbazzaw il-pretensjoni taghhom, u tenut kont tal-fatt li din hija l-unika procedura permezz ta` rikors fejn tista` tintalab ir-revoka ta` Mandat Kawtelatorju abbazi biss tar-ragunijiet fuq premessi, fl-opinjoni ta` din il-Qorti, din ghandha tkun fatali ghat-talbiet tal-istess rikorrenti fir-rikors odjern. (**"Marion Aquilina vs Victor Aquilina"** – P.A. RCP. 4 ta` April, 2001)".*

In-nuqqas tal-konjugi Caruana li jindikaw taht liema mill-paragrafi tal-artikolu 836 (1) qed jitolbu l-hrug tal-kontro

mandat hija fiha innisisha raguni bizzejjed sabiex it-talba ta` Albert u Margaret konjugi Caruana tigi michuda;

Inoltre jigi sottomess illi r-rimedju provdut mill-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 huwa ghad-dispozizzjoni tas-sekwestrat u cioe` d-debitur tal-Mandat Kawtelatorju li kontrih ikun inhareg l-mandat u ghal ebda persuna ohra;

Fil-fatt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 jibda jaqra hekk:

*"**836.** (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, **l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju** jista` jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista` jaghmel rikors lill-Qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f`parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin":* (omissis)

Mill-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju Numru 1738/06 jirrizulta b`mod car illi l-okkju tal-istess jaqra hekk:

*"(Sekwestrant) Joseph Vella (ID 69960G),*
*Maria Anna Vella (ID 231646M) u*
*Maria Sciberras (ID404267M)*

*Vs*

*(Sekwestrat) Gino Zammit (ID 164776M)"*

Dana l-okkju jindika, minghajr l-icken dubbju, illi l-Mandat ta` Sekwestru inhareg kontra d-debitur / s-sekwestrat Gino Zammit;

Mill-atti tal-istess Mandat ta` Sekwestru Numru 1738/06 jirrizulta illi Albert Caruana huwa biss s-sekwestratarju, u cioe` mhux d-debitur li kontrih inhareg l-Mandat ta` Sekwestru;

Ghandu jinghad illi sar tentattiv sabiex tigi svijjata dina l-Onorabbli Qorti dwar dina s-sottomissjoni fl-ewwel paragrafu tar-rikors promoter u dana billi jinghad hekk:
*"Illi ricentement gie intavolat il-Mandat ta` Sekwestru kawtelatorju* ***kontra l-esponenti,*** *(cioe` kontra Albert u Margaret Caruana) b`riferenza ghad-debitu li l-esponenti kellhom favor l-intimat Gino Zammit"*;

Stante li Albert Caruana ma inhareg ebda Mandat ta` Sekwestru kontrih ma ghandu ebda jedd li jintavola r-rikors promutur u dana ghaliex, kif spjegat, r-rimedju taht l-artikolu 836, fil-kaz odjern, kien ghad-dispozizzjoni ta` Gino Zammit (l-persuna li kontrih inhareg l-mandat) biss u mhux ghad-dispozizzjoni tas-sekwestratarju, u dana kif jirrizulta b`mod specifiku mill-artikolu in ezami;

Jigi rilevat ukoll illi Albert u Margaret konjugi Caruana ma ghandhom ebda *lucus standi* f`dawn il-proceduri u dana stante li ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn l-esponenti u l-istess konjugi Caruana. Ma ghandhom ebda jedd fil-ligi li jintervjenu fi proceduri gudizzjarji bejn l-esponenti u Gino Zammit minghajr l-interess guridiku li trid il-ligi. Il-fatt li huma sekwestratarji ma jaghtihomx dana l-jedd li jintevjenu.

Il-konjugi Caruana huma biss terzi persuni marbutin b`ordni legittima ta` dina l-Onorabbli Qorti wara l-hrug tal-Mandat ta` Sekwestru u huma obbligati jaderixxu ma dina l-ordni.

Fil-fatt jekk huma jonqsu milli jaderixxu ma` dina l-ordni huwa ir-Registratur tal-Qorti li jiehu l-proceduri opportuni kontra l-istess konjugi Caruana u mhux l-esponenti Joseph Vella, Maria Anna Vella u Maria Sciberras;

Inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandu jinghad illi fi kwalunkwe kaz anqas ma jirrikorru l-kweziti stabbilit mill-artikolu 836 sabiex tiggustifika l-hrug ta` kontro mandat;

L-artikolu 836 sub artikolu 1 jindikat lista ezawrjenti (*exhaustive*) tac-cirkostanzi li fihom jista` jintalab l-hrug ta` kontro mandat;

Dina l-lista fl-artikolu precitat taqra hekk:

*"(omissis) ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*
*(a) li l-att kawtelatorju m`ghadux iktar fis-sehh;*
*(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug ta` l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;*
*(c) li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta` min ikun talab il-hrug ta` l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta` att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista` ghas-sodisfazzjon tal-Qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni; jew*
*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv; jew*
*(e) jekk il-garanzija moghtija titqies mill-Qorti lit kun bizzejjed; jew*
*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".*

Albert u Margaret konjugi Caruana qed jitolbu l-hrug ta` kontro mandat ghal raguni li ma tinwadrax f`wahda minn dawk elenkati fl-artikolu appena citat;

Il-konjugi Caruana qed jitolbu l-hrug tal-kontro mandat ghab-bazi tal-fatt illi d-debitu dovut minnhom lil Gino Zammit illum jinsab imhallas;

Dana l-fatt ma jiggustifikax l-hrug ta` kontro mandat;

Jekk illum l-konjugi Caruana ma ghandhom xejn fil-pussess taghhom li jappartjeni lil Gino Zammit huma ma ghandhom xejn x`jiddepozitaw taht l-awtorita` ta` dina l-Onorabbli Qorti. Dana ma jfissirx li ghandu jinhareg kontro mandat;

L-effetti tal-Mandat ta` Sekwestru odjern jibqghu fis-sehh tul il-mori tal-kawza li iggib l-okkju Joseph Vella, Maria

Anna Vella u Maria Sciberras vs Gino Zammit (Citazzjoni Numru 259/05AF) li tinsab differita ghal 25 ta` Jannar, 2007 quddiem dina l-Onorabbli Qorti;

F`kaz illi fil-mori tal-kawza l-konjugi Caruana jkollhom fil-pussess taghhom flus jew oggetti li jappartjenu lil Gino Zammit ikunu obbligati li jiddepozitaw tali taht l-awtorita` ta` dina l-Onorabbli Qorti;

Dana huwa ezattament dak li jridu jevitaw Albert u Margaret konjugi Caruana;

Gino Zammit u l-konjugi Caruana ilhom jaghmlu negozju bejniethom ghal diversi snin u dana b`mod partikolari peress illi Gino Zammit jimporta l-hwejjeg min barra minn Malta u jbiegh tali lil konjugi Caruana;

Kemm Gino Zammit u kif ukoll il-konjugi Caruana qed jipprovaw li l-effetti tal-Mandat ta` Sekwestru odjern jitnehha sabiex fil-futur ikunu jistghu ikomplu bin-negozju taghhom u dana ghad-dannu ta` Joseph Vella, Maria Anna Vella u Maria Sciberras;

Il-fatt li illum il-konjugi Caruana ma ghanhom xejn x`jiddepozitaw taht l-awtorita` tal-Qorti ma jfissirx li fil-futur ma huwiex ser ikollhom u huwa dan li jridu jevitaw l-konjugi Caruana;

L-esponenti umilment jirrilevaw illi r-rikors odjern huwa rizultat ta` arrangement bejn Albert u Margaret konjugi Caruana u Gino Zammit biex jirraggiraw l-effetti ta` att gudizjarju;

Ma hemm xejn li ghandu jipprejokkupa lill-konjugi Caruana u dana stante li l-Mandat odjern ma inharigx fil-konfront taghhom, kif fuq spjegat, u ghaldaqstant ma ghandu ebda konsegwenza sakemm huma ma jkunux fil-pussess ta` oggetti jew flus appartenenti lil Gino Zammit;

Jekk il-konjugi Caruana ma ghandhomx intenzjoni li jkomplu jaghmlu negozju ma Gino Zammit wisq anqas

ghandhom jipprejokkupaw ruhhom u dana peress illi ma humiex ser ikunu debituri tal-istess Gino Zammit;

Izda huwa ovvju ghall-esponenti illi l-intenzjoni wara r-rikors odjern huwa li l-konjugi Caruana u Gino Zammit ikunu liberi li jinnegozjaw bejniethom minghajr restrizzjoni;

Certament dana mhux dak li ried il-legislatur u wisq anqas huwa gust li bir-raggiri adoperati jigu pregudikati l-interessi tal-esponenti;

Huwa ta` rilevanza dak stabbilit min dina l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Theresa Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart** deciza fid-29 ta` Lulju, 2005 fejn intqal hekk:

*"Illi, naturalment, il-Mandat ta` Sekwestru taht ezami wegga` lir-rikorrent. Il-Qorti ma kenitx tistenna li jitressaq ir-rikors promoter kieku dan ma kienx il-kaz. Dan il-fatt, wahdu, m`huwiex raguni biex il-Mandat jitnehha. Il-bilanc li l-Qorti trid tilhaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra taghha ssir il-pretensjoni, jrid jigi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tieghu, protezzjoni bikrija mahsuba mil-ligi sakemm il-kwestjoni tigi mistharga kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-ghan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li "jiffriza" l-qaghda sakemm il-kwistjoni tigi mistharrga kif ghandu jkun fil-mertu;"*
(jigi rilevat li dan intqal f`decizjoni dwar rikors ai termini tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta prezentat mill-individwu li kontrih inhareg l-mandat kawtelatorju u mhux bhal fil-kaz odjern mis-sekwesstrataju)

Esposti dawn is-sottomissjonijiet jidher car illi r-rikors imressaq mill-konjugi Caruana huwa l-frott ta` assistenza li huma offrew li jipprovdu lil Gino Zammit sabiex dana tal-ahhar jigi agevolat izda liema rikors ma ghandu ebda bazi fil-ligi;

L-esponenti umilment jirrilevaw illi huwa ta` dispjacir ghalihom illi jigu kostretti li jiddefendu ruhhom fi proceduri frivoli u vessatorji bhal dawk odjerni, aktar u aktar meta

tali difiza tinvolvi spejjes inutili u telf ta` hin prezzjuz kemm ghalihom (aktar u aktar peress illi jridu jigu minn Ghawdex) u kif ukoll ghal dina l-Onorabbli Qorti;

Huma umilment ihossu li tali agir da parti tal-konjugi Caruana ghandu jigi ippenalizzat (per ezempju billi jigu ikkundannati ihallsu spejjes doppji) sabiex jitwassal messag car illi l-proceduri gudizzjarji ma humiex xi loghobha fejn *"titfa` xi haga ghal saqajha"* u tara kif tigi;

Kien ovvju mid-dicitura tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 illi l-konjugi Caruana ma kellhom ebda jedd iressqu r-rikors odjern izda nonostante ippersistew bil-konsegwenza li anke udjenza quddiem dina l-Onorabbli Qorti giet iffissata sabiex titratta t-talbiet taghhom;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha ta` Albert u Margaret konjugi Caruana, bl-ispejjez ta` dawn il-proceduri kontra l-istess Albert u Margaret konjugi Caruana.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi l-mandat ta` sekwestru *de quo* inhareg fil-konfront ta` Gino Zammit sabiex jigi kawtelat dritt li jippretendu li ghandhom Joseph Vella, Maria Anne Vella u Mario Sciberras. Ir-rikorrenti odjerni Albert u Margaret Caruana huma biss sekwestratarji.

Ghalhekk l-ewwel dikjarazzjoni taghhom li l-mandat huwa kontra taghhom hija ghal kollox skorretta.

Ir-rikorrenti odjerni mkien fir-rikors taghhom ma jiccitaw l-Artikolu tal-Ligi li a bazi tieghu qeghdin jagixxu. Il-Qorti tista` biss tassumi li huma jed jagixxu a tenur tal-Art. 836 tal-Kap. 12. Dan l-artikolu pero`, jaghti dritt biss lis-sekwestrat li jitlob ir-revoka jew modifika tal-mandat ta` sekwestru.

Skond l-artikolu fuq citat is-sekwestratarju m`ghandux dan id-dritt. Anzi, huwa jibqa` dejjem obbligat illi, jekk jigu f`idejh flus dovuti lis-sekwestrat, dan ghandu jagixxi bihom kif timponilu l-ligi, u dan tul l-ezistenza tal-istess mandat.

Il-mandat *de quo* ma nharigx kontra r-rikorrenti odjerni u ghalhekk huma m`ghandhom ebda *"locus standi"* f`dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant il-Qorti tipprovdi billi tichad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------